# ID - DRAWWA LI JIĠRU BL-IRXOXT FIL - BIRGU

J. F. Porsella Flores

Sas-sena 1936, kif niftakru aħna l-anzjani, kienet teżisti id-drawwa ġewwa l-Birgu li fil-festa ta' l-Għid il-Kbir, il-vara ta' Kristu Rxoxt kienet tinħareġ darbtejn, madwar it-toroq tal-parroċċa: is-Sibt u l-Ħadd. Il-vara ta' Kristu Rxoxt ġiet skolpita fl-injam fl-1833 mill-iskultur Bormliż Mastru Salv Psaila (1797-1871), li kien alliev ta' skultur Bormliż ieġor Mariano Gerada (1770-1823) (1).

Aktar minn proċessjoni, dik tas-Sibt kienet festa folkloristika, u tista' tgħid li tul it-triq kollha n-nies kienet tistenna ħerqana li r-reffiegħa jgħaddu jiġru bil-vara, b'turija tal-ferħ f'qalbhom li din il-festa tnissel, l-aktar fin-nisrani. It-tfal, aktar bla sabar mill-kbar li l-Irxoxt ifittex jgħaddi ħalli jberkilhom il-figolla għax kien ikollhom mitt sena biex jibdew jieklu minnha.

Għal xi l-għaxra u nofs ta' filgħodu wara d-daqq tal-*Glorja* mill-qniepen tal-knisja ta' San Lawrenz, il-vara ta' l-Irxoxt kienet tinħareġ mill-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, fejn kienet tkun merfugħa matul is-sena, u tittieħed sa ħdejn il-knisja ta' San Lawrenz, fejn kien ikun hemm tistenniha il-Banda *Duke of Edinburgh*. Minn hemm kienet tkompli matul it-toroq tad-"dawra l-kbira" (1a), kif konna nsibuha. Mixja u ġirja alternati.

Fi tmiem il-ġirja, quddiem il-knisja tal-Lunzjata u quddiem il-knisja ta' Santa Skolastika, il-vara jgħolluha fuq l-idejn u jdawruha lejn il-knisja bħala rispett. Fuq is-sur tal-Miratur (jew tat-Toqba, kif magħruf popolarment) il-vara tiddawwar lejn il-port, simbolu tat-tberik tal-baħar, li minnu, l-aktar f'dak iż-żmien, ħafna ħaddiema kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom.(2)

Għedna li hekk kien jiġri sas-sena 1936. Dan għaliex fid-19 ta' April ta' dik is-sena kienu ġew promulgati id-digrieti tal-Konċilju Reġjonali Malti li kien inżamm fis-sena ta' qabel taħt il-presidenza tal-Kardinal Lepicier. Kienu ffirmaw id-digriet tal-promulgazzjoni l-Arċisqof Mawru Caruana għad-Djoċesi ta' Malta, u l-Isqof Mikiel Gonzi għad-Djoċesi t'Għawdex. Ġie fis-seħħ tliet xhur minn dik id-data, jiġifieri fis-16 ta' Lulju 1936.(3)

Fost ir-riformi jew tibdiliet li bdew iseħħu b'din il-promulgazzjoni, kien hemm il-limitazzjonijiet jew ristrezzjonijiet dwar il-proċessjonijiet. Dan kien ifisser, li dik ta' l-Irxoxt f'Sibt il-Glorja ġiet projbita u ma setgħetx issir iżjed. U f'dik tal-Ħadd ma setgħux jiġru bil-vara.(4)

Din il-ħaġa ma kienet intgħoġbot xejn min-nies tal-Kottonera, fost oħrajn, li ħassewhom urtati ħafna b'uħud mid-digrieti tal-Konċilju, speċjalmewnt dawk li lill-Kolleġġjati neħħewlhom xi proivileġġi.(5) Imma d-digriet ried jiġi osservat. Minħabba f'hekk, mill-1937 'il quddiem, bdiet toħroġ biss il-proċessjoni ta' nhar Ħadd il-Għid wara l-quddiesa kantata. Fis-snin tal-gwerra ma kienx hemm proċessjoni, iżda meta l-gwerra bdiet titbiegħed sew minn xtutna, u kienu ġa bdew jidhru sinjali ta' ritorn bil-mod għal ħajja normali, fejn kien possibbli reġgħu bdew jiġu ċelebrati anke l-festi ta' barra. Minħabba l-gwerra u ċirkostanzi oħra, uħud mid-digrieti tal-Konċilju ma baqgħux jiġu osservati. Għalhekk kien hemm min jaħseb li xi affarijiet setgħu jiġu irranġati.

Waslet il-festa ta' l-Għid.(6) Il-Monsinjur Pawlu Galea, li kien Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu, jirrakkonta li waqt il-quddiesa tat-tmienja ta' filgħodu, fil-knisja ta' San Lawrenz, x'ħin kien qiegħed jiġbor, tlieta min-nies: Wenzu Gatt (l-induratur), Salvu Gonzi (ħu l-Arċisqof) u Mikiel Licari (minn Bormla), waqqfuh ħdejn il-fonti tal-magħmudija fejn kienu qegħdin jisimgħu il-quddiesa u qalulu li

f'Bormla kien inqala xi inkwiet għax ġrew bl-Irxoxt. F'Bormla l-proċessjoni kienet toħroġ fis-sitta ta' filgħodu u tidħol fid-disgħa qabel il-quddiesa kantata. Tal-Birgu xtaqu li anke huma jagħmlu l-istess. Allura l-Arċipriet mar l-għassa tal-pulizija, mnejn ċempel lill-Arċisqof. Il-kappillan tiegħu wieġbu li dak il-ħin, l-Arċisqof ma setax ikellmu. L-Arċipriet allura reġa' lura lejn il-knisja jħammem bejnu u bejn ruħu x'ser jaqbad jagħmel biex isolvi dan l-inkwiet li seta' jinqala' jekk jista' jkun mingħajr ġlied.
Kif wasal il-knisja, mar ikellmu l-ispettur tal-pulizija Salvu Calleja, u rrakkontalu kullma ġara f'Bormla talbu biex lill-pulizija ma jdaħħluhiex f'dil-biċċa jekk il-Birgu jiġri l-istess. Sabu allura Wenzu Busuttil, iċ-*Chief Pilot* li kien midħla sewwa tal-knisja, u wrieh li ttenda jew fehem li l-ispettur u l-Arċipriet kienu ftehmu. Kif spiċċat il-quddiesa kantata il-Kanonku Dun Lawrenz Zammit, li kien l-iżgħar wieħed fost il-kanonċi, u kien għadu qatt ma ħa sehem f'din il-proċessjoni bħala saċerdot, staqsa lill-Arċipriet min kien ser imexxi l-proċessjoni. L-Arċipriet bagħat lilu, u qallu biex ma jdaħħalx lill-pulizija jekk jara li se jiġru bil-vara. L-istendard refgħu Lorenzo Dalmas. Ħadet sehem ukoll il-banda.

Intant, Dun Pawl ukoll tela' sal-pjazza, biex hu ukoll jara x'ser jiġri. X'ħin lemħuh mar fuqu ċertu Vella "Iz-Zanz", li kien daqsxejn zopp, u li kien qed iqassam in-nies mal-vara, flimkien ma' Salvu Brincat "Iċ-Cappaturi", *footballer* imsemmi. Vella qal lil Dun Pawl biex iwarrab min-nofs għax kienet ser issir il-ġirja għal fuq il-Lunzjata. Dun Pawl tbissem x'ħin sema lil Vella jgħidlu hekk; għamel kif ġie mitlub, u minnufih telqet il-ġirja. Ma setax jonqos li wara l-Arċisqof sar jaf x'ġara, imma ma qal xejn. Jingħad li ttollera dawn l-affarijiet biex jiġbed aktar lin-nies lejn il-knisja.

Hekk reġgħet daħlet id-drawwa fil-Birgu li ssir il-ġirja bil-vara ta' Kristu Rxoxt, kif għadhu jsir sal-lum. Jalla f'dawn id-drawwiet popolari jibqa' dejjem l-ewwel u qabel kollox, it-tifsira reliġjuża tagħhom.

**Referenzi**

(1) Castagna,P.P. *Storja ta' Malta* 1890 pp 204,206.
(1a) Id-"dawra l-kbira" kienet tikkonsisti f'dawn it-toroq: S.Lawrenz, Telgħa tal-Pjazza, Mina l-Kbira, Torri ta' S.Ġwann, Biswit il-Kwartier, Ġdida, Kwartier, Britannika, S.Skolastika, Ṣur tal-Miratur, Pjazzetta, S.Lawrenz.
(2) Dougall, A. *Kristu Rxoxt fil-Birgu u t-Tberik tal-Baħar* L-Imnara,No.17, 1993, p,109.
(3) *Concilium Regionale Melitense, Decreta* 1936 p.viii
(4) *ibid.*, para 310-317, b'mod partikolari para 315(2).
(5) Bħal per eżempju, l-użu tal-kuda, u fil-każ tal-Kolleġġjata tal-Birgu, is-servizz tal-Ministri Maġġuri fl-Għosrien (vespri), fil-Lawdi u fil-Quddiesa Kantata *pontificali modo* (magħrufa "ta' b'sebgħa").
(6) Din it-tieni parti ta' l-artikolu hi, tista' tgħid, miktuba kif ġiewt rakkontata lili minn Mon.Pawlu Galea nnifsu.

---